

31999D0800

L 322/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.12.1999

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Ottubru 1999

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jikkonċerna żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, u dwar l-aċċettazzjoni ta' l-annessi ta' dak il-Protokoll (Konvenzjoni ta' Barċellona)

(1999/800/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Komunità hi Parti Kontraenti fil-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra Inkwinament <sup>(2)</sup>, minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala l-“Konvenzjoni ta' Barċellona”, u kkonkludiet ukoll erbgħa mill-Protokoll adottati fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, jiġifieri, il-Protokoll għall-prevenzjoni tat-tniġġis permezz ta' rimi minn vapuri u ajruplani <sup>(2)</sup>, il-Protokoll dwar kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-tniġġis b'żajt u sustanzi dannużi oħrajn <sup>(3)</sup>, il-Protokoll għall-protezzjoni kontra t-tniġġis minn sorsi li jkunu bbażati fuq l-art <sup>(4)</sup> u l-Protokoll dwar żoni li jkunu protetti b'mod speċjali <sup>(5)</sup>;
- (2) Il-Kummissjoni, fisem il-Komunità u fi ħdan il-grupp ta' xogħol stabbilit mill-Partijiet Kontraenti fil-Konvenzjoni ta' Barċellona, ħadet parti fin-negożjati dwar il-Protokoll dwar

żoni li huma protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran u mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Protokoll il-ġdid, bis-saħħa ta' l-Artikolu 32 tiegħu, għandu jbidel l-ewwel verżjoni tal-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali fil-Mediterran;

- (3) F'Barċellona fl-10 ta' Ġunju 1995 il-Komunità ffirmat il-Protokoll il-ġdid dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, minn hawn 'il quddiem magħruf bħala “il-Protokoll”;
- (4) B'żieda mad-disposizzjonijiet dwar il-konservazzjoni ta' siti ta' importanza Mediterranja, il-verżjoni l-ġdida tal-Protokoll tippovdi għal ġbir ta' listi ta' speċi li huma fil-periklu jew mhedda u speċi li l-esplorazzjoni tagħhom hi regolata (annessi tal-Protokoll);
- (5) L-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzerji (Barċellona, 9 u 10 ta' Ġunju 1995), li fiha kien adottat u ffirmat il-Protokoll, jipprovdi għall-annessi tal-Protokoll li jkunu adottati fl-aqgħa futura tal-Plenipotenzerji;
- (6) L-annessi kienu adottati fil-Konferenza tal-Plenipotenzerji li saret f'Monako fl-24 ta' Novembru 1996 u preċeduta b'laqgħa ta' esperti fit-23 ta' Novembru 1996; l-annessi kienu miftuħa għall-firem matul il-Konferenza; il-Kummissjoni ma kellha l-ebda mandat li tirrappreżenta lill-Komunità;
- (7) L-Istati Membri tal-Mediterran, bħala Partijiet Kontraenti fil-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokoll tagħha, kienu preżenti fil-Konferenza tal-Plenipotenzerji u ffirmaw l-annessi; fl-att finali tal-Konferenza, iżda, dawn iddikjaraw li, fejn l-annessi koprew l-oqsma tal-kompetenzi tal-Komunità, dawn għandhom jieħdu kull azzjoni meħtieġa sakemm il-Komunità kienet firmatarja ta' l-annessi;

<sup>(1)</sup> ĠU C 219, tat-30.7.1999, p. 186.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni 77/585/KEE, ĠU L 240, tad-19.9.1977, p. 1.

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni 81/420/KEE, ĠU L 162, tad-19.6.1981, p. 4.

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni 83/101/KEE ĠU L 67, tat-12.3.1983, p. 1.

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni 84/132/KEE ĠU L 68, ta' l-10.3.1984, p. 36.

- (8) Taħt l-Artikolu 174 tat-Trattat, il-politika tal-Komunità dwar l-ambjent tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet li jinkludu l-ippreservar, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent u tippromwovi miżuri fl-ivell internazzjonali biex titratta problemi ambjentali reġjonali jew dinjija;
- (9) Il-Protokoll u l-annessi tiegħu ikopru żoni li jaqgħu fil-kompetenzi ambjentali tal-Komunità (id-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' għasafar salvaġġi <sup>(1)</sup>, id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-ambjenti naturali u fawna u flora salvaġġi <sup>(2)</sup>) u jitrattaw dwar speċi li l-esplorazzjoni tagħhom hi regolata taħt il-politika komuni tas-sajd (CFP); il-Komunità qed tiegħu passi f'dan il-kuntest biex tassigura li l-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali la tmur kontra, u lanqas tbiddel l-għan tal-liġi preżenti tal-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

#### Artikolu 1

1. Il-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran u l-annessi tiegħu huma b'dan approvati fisem il-Komunità.
2. It-test ta' l-imsemmi Protokoll u l-annessi tiegħu huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

1. Il-President tal-Kunsill għandu jiddeposita mad-depositarju, fisem il-Komunità u skond l-Artikolu 30 tal-Protokoll dwar żoni

protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, l-istrument li jikkonkludi dak il-Protokoll <sup>(3)</sup>.

2. Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika, fisem il-Komunità, l-aċċettazzjoni tal-annessi tal-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran, skond l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar tal-Mediterran kontra t-tniġġis <sup>(4)</sup>. L-aċċettazzjoni tal-Komunità għandha tkun akkumpanjata bid-dikjarazzjoni li ġejja:  
 "Il-Komunità għandha tgħin fl-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-annessi bil-ħolqien tan-Natura 2000 network".

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Din għandha tibda tgħodd mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula ġewwa l-Lussemburgu, fit-22 ta' Ottubru 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

S. MÖNKÄRE

<sup>(1)</sup> ĠU L 103, tal-25.4.1979, p. 1. Direttiva skond kif emendata permezz tad-Direttiva 97/49/KE (ĠU L 223, tat-13.8.1997, p. 9).

<sup>(2)</sup> ĠU L 206, tat-22.7.1992, p. 7. Direttiva skond kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 97/62/KE (ĠU L 305, tat-8.11.1997, p. 42).

<sup>(3)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll dwar iż-żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

<sup>(4)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-annessi tal-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.